# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 25 ta' April, 2018**

**Kawża Nru. 34**

**Rik. Nru. 272/09JRM**

L-Avukat Dottor Victor **RAGONESI,** Mariella mart Albert Cassar, Anne mart Keir Argent, Isabelle mart Karl Calleja u Dottor Rudolf Ragonesi; l-irġiel miżżewġin cioe` Albert Cassar, Keir Argent u Karl Calleja f'isimhom ukoll personali għal kull interess li jistgħu jkollhom

vs

Albert u Carmela *sive* Lina konjuġi **HUBER**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-18 ta' Marzu, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu lil din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrkin għandhom jagħtu lill-atturi, skond ma ġie miftiehem bonarjament bejn il-partijiet, id-dħul tal-prezz mill-bejgħ magħmul mill-imħarrkin tal-villa li nbniet fuq il-qatgħa art

numru tliet mija u sebgħa u sittin (367), fi Triq il-Palm, li tagħmel mit-territorju magħruf bħala "*Il-Wied ta' Għajn Żejtuna*", f'Santa Maria Estate fil-Mellieħa, flimkien mal-ispejjeż diġa` minfuqa minnhom għax-xiri u bini tal-imsemmija villa; (b) tillikwida l-ispejjeż minfuqa għax-xiri u bini tal-istess villa, oltre r-rikavat ta' l-istess; (ċ) issib ukoll li meta l-imħarrkin biegħu l-villa permezz ta' kuntratt tas-26 ta' Lulju, 2001, fl-atti tan-Nutar John Debono, għamlu dan mingħajr il-kunsens tal-atturi u bi ħsara għalihom; (d) issib li l-imħarrkin huma responsabbli għad-danni minnhom imġarrba minħabba din l-imġiba tagħhom; (e) tillikwida, jekk meħtieġ bil-ħidma ta' perit minnha maħtur, id-danni mġarrba mill-atturi; u (f) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuhom l-ammont hekk likwidat bħala danni, flimkien mal-imgħaxijiet relattivi minn meta dawn kienu dovuti. Talbu wkoll l-ispejjeż, magħduda dawk tal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Marzu, 2008;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Marzu, 2009[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-30 ta' April, 2009, li biha l-imħarrkin miżżewġin Huber laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li (a) isem l-imħarrek Albert Huber huwa skorrettament indikat fl-atti ta' din il-kawża bħala John Albert Huber u ma jopponux għat-talba tat-tiswija tal-att jekk kemm-il darba kellha ssir; (b) l-atturi, ħlief għall-attur Avukat Dottor Victor Ragonesi, għandhom ifissru l-interess tagħhom f'din il-kawża, billi l-imħarrkin qatt ma kellhom relazzjoni ġuridika magħhom; (ċ) it-talbiet attriċi huma preskritti għall-finijiet tad-disposizzjoni tas-sub-inċiż (f) tal-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16; (d) kull dritt għall-ħlas li seta' kien dovut lill-attur Avukat Ragonesi ntemm bit-tħaddim tal-*pactum commissorium tacitum* billi l-imsemmi attur ma wettaqx l-obbligi li ntrabat bihom, b'mod partikolari l-obbligu ta' ħlas tal-kapital meħtieġ għall-bini li kellu jittella' fuq l-art mixtrija, tant illi biċċa sewwa tal-istess nefqa tħallset mill-imħarrkin infushom. Minbarra dan, (e) l-imħarrkin qajmu l-eċċezzjoni ta' *inademplenti non est ademplendum*, sewwasew għaliex l-attur ma wettaqx l-obbligu prinċipali u integrali tiegħu f'kuntratt bilaterali u sinallagmatiku, u li l-inadempiment tiegħu kien gravi tant li huwa issa prekluż milli jitlob il-benefiċċju illi skond hu jispetta lilu skond il-ftehim minnu stess miksur. Laqgħu wkoll billi qalu (ġ) li t-talbiet attriċi ma jaqblux mal-pretensjonijiet magħmula minnhom, jew minn min minnhom, kontra l-imħarrkin, anke permezz ta' atti ġudizzjarji; li (ħ) l-ewwel, t-tieni u s-sitt talbiet attriċi huma insostenibbli għaliex (i) permezz tagħhom qed jintalab ħlas li jaqbeż dak li skond l-atturi kien miftiehem li għandu jiġi mħallas; (ii) l-ammont sostanzjali minfuqa mill-eċċipjenti fil-ħlas ta' obbligi illi kienu jaggravaw lill-attur(i) ma jidhrux illi jikkonfiguraw fil-matematika suġġerita f'dik it-talba, dan

[1] Paġġ. 5 – 6 tal-proċess

dejjem jekk il-fatti allegati mill-atturi jiġu aċċettati u għalhekk għandhom jittieħdu kont tagħhom. Temmew jgħidu li (i) it-tielet u r-raba' talbiet u safejn dik it-talba tirrigwarda dawn iż-żewġ talbiet, is-sitt talba huma insostenibbli għaliex (i) l-imsemmija talbiet huma imsejsa fuq obbligu inesistenti, dak li l-imħarrkin kellhom jiksbu l-kunsens tal-attur qabel ma jiddisponu minn ġid mixtri f'isimhom jew li altrimenti kellhom jikkonsultaw mal-attur(i) dwar il-prezz tal-bejgħ, u (ii) l-imsemmija talbiet huma wkoll imsejsa fuq żewġ assunzjonijiet skorrettti, dik li l-prezz li bih inbigħ il-fond huwa ferm baxx, kif ukoll li din l-allegazzjoni tista' possibilment tirradika xi pretensjoni għall-ħlas ta' danni favur l-attur(i);

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Novembru, 2009[2], li bih, b'referenza għall-ewwel eċċezzjoni preliminari, ordnat it-tiswija ta' isem l-imħarrek fl-'okkju' tal-kawża, filwaqt li l-imħarrkin, min-naħa l-oħra, irtiraw l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Novembru, 2011[3], li bih ordnat li l-atti tal-kawża "*Rizzo noe vs Ragonesi et*" (Ċitazz. Nru. 66/77NC)[4] jinġabu quddiemha f'każ li xi atti minnhom ikunu meħtieġa għall-mixi 'l quddiem ta' din il-kawża;

Rat il-verbal tad-9 ta' Ottubru, 2014[5], li bih il-partijiet qablu li ma kienx meħtieġ li ssir il-konferma bil-ġurament ta' bosta depożizzjonijiet ta' xhieda mogħtija fil-kawża hawn fuq imsemmija, iżda setgħu jitqiesu bħala xhieda mogħtija fl-atti ta' din il-kawża;

Rat il-verbal tal-5 ta' Mejju, 2015[6], li bih il-Qorti ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-prova li kien fadlilhom iressqu l-imħarrkin;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Jannar, 2017[7], li bih laqgħet is-sottomissjoni tal-avukati tal-partijiet li, f'dan l-istadju, jittrattaw l-eċċezzjoni li fadal ta' natura preliminari (dik tal-preskrizzjoni) mqajma mill-imħarrkin u tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom, marbuta mal-imsemmija eċċezzjoni preliminari, bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin tat-22 ta' Ġunju, 2017[8];

---

[2] Paġ. 17 tal-proċess
[3] Paġ. 27 tal-proċess
[4] Maqtugħa minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14.12.2004 (u konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-6.7.2007)
[5] Paġ. 94 tal-proċess
[6] Paġ. 123 tal-proċess
[7] Paġ. 165 tal-proċess
[8] Paġġ. 168 – 9 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi tat-3 ta' Ottubru, 2017[9], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat ix-xhieda mressqa quddiemha u quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-17 ta' Jannar, 2018[10], f'liema data ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija kawża dwar radd lura ta' flejjes maħruġa f'negozju marbut ma' xiri u żvilupp ta' art, flimkien ma' talba għall-ħlas ta' danni minħabba ksur tal-ftehim. L-atturi jixlu lill-imħarrkin bi ksur ta' ftehim li kien intlaħaq bejnhom u wieħed mill-atturi bosta snin qabel, b'rabta ma' xiri u żvilupp ta' qatgħa art. Huma jgħidu li l-imħarrkin għamlu tagħhom dak li l-atturi kellhom sehem minnu, innegozjawh u żammew għalihom il-qligħ. Huma jitolbu li jiġu mħallsa l-ispejjeż li nefqu għax-xiri tal-art u l-bini tal-benefikat li ttella' fuqha (villa), u s-sehem tagħhom mid-dħul tal-prezz meta nbiegħet mill-imħarrkin. Iridu wkoll li, ladarba l-villa nbiegħet bi prezz baxx u minħabba l-ksur tal-ftehim, l-imħarrkin jitqiesu ħatja għad-danni li ġarrbu l-atturi u li jagħmlu tajjeb għall-istess danni;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin jilqgħu billi jqajmu kemm eċċezzjonijiet preliminari kif ukoll fil-mertu. Fost oħrajn, iqanqlu l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi waqgħet għaliex għadda ż-żmien ta' sentejn li fiha messha saret, kif irid l-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16; in-nuqqas ta' interess ta' wħud mill-atturi billi l-imħarrkin qatt ma kellhom relazzjoni magħhom. Jirrikonoxxu li kien hemm ftehim bejn il-partijiet iżda jixlu lill-attur Dottor Victor Ragonesi bi ksur tiegħu. Fil-fehma taghhom, dan wassal biex l-imħarrkin kellhom iħallsu għal ħaġa li ma kienux miftehma fuqha, u t-telf ta' l-attur(i) mill-benefiċċji li kien jispetta lilhom taħt il-ftehim imsemmi. Għar-raġunijiet minnhom imsemmija, jgħidu wkoll li t-talbiet mhux sostenibbli;

Illi s-sentenza ta' llum qiegħda tingħata dwar it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni;

[9] Paġġ. 174 – 8 tal-proċess
[10] Paġ. 185 tal-proċess

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li f'xi żmien fl-1969, intlaħaq ftehim bejn l-attur Avukat Dottor Victor Ragonesi u l-imħarrek Albert Huber sabiex, filwaqt li tal-ewwel joħroġ il-flus għax-xiri ta' qatgħa art f'Santa Maria Estate, fil-Mellieħa, u għall-bini tagħha, l-imħarrkin kellhom jieħdu ħsieb il-ħlas tax-xogħlijiet. Wara li l-art tinbena, d-dħul mill-bejgħ kellu jinqasam bejniethom[11];

Illi l-qatgħa art kienet tagħmel mit-territorju magħruf bħala "Il-Wied ta' Għajn Żejtuna" u ġġib in-numru tliet mija u sebgħa u sittin (367). L-imħarrka Lina Huber dehret fuq il-kuntratt ta' konċessjoni sub-enfitewtika tal-qatgħa art imsemmija tal-1 ta' Settembru, 1969[12]. Hija ma ħarġetx flus fuq il-kuntratt[13]. L-attur Avukat Ragonesi jgħid li huwa għadda somma flus (Lm150) lil żewġha l-imħarrek Albert Hubert meta kien sar l-att tal-konvenju li kien sar lejn nofs Lulju ta' qabel biex iħallasha akkont[14];

Illi jirriżulta li matul iż-żmien li kien qiegħed isir l-bini tal-fond, l-attur Avukat Ragonesi, għalkemm għamel diversi ħlasijiet, ma kienx f'qagħda li jħallas aktar l-ammont maħsub billi n-nefqa bdiet tielgħa minħabba li nstab li l-art kienet taflija u li x-xogħlijiet għas-sisien tal-binja kienu kibru u magħhom in-nefqa. Għalhekk hu talab, f'isem l-imħarrka Huber, lil Bank kummerċjali sabiex tingħatalha faċilita` ta' self. It-talba ntlaqgħet u l-attur Avukat Ragonesi aġixxa bħala garanti tal-faċilita`[15];

Illi l-attur Avukat Ragonesi kien ikun mgħarraf bil-ħlasijiet li kienu qed isiru marbutin mal-bini tal-villa[16];

Illi ħareġ ukoll li l-Bank ma tħallasx lura l-ammont misluf[17] u spiċċa fetaħ kawża kontra l-partijiet[18]. B'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-14 ta' Diċembru, 2004, il-partijiet instabu responsabbli *in solidum* għar-radd lura tal-ammont misluf flimkien mal-imgħaxijiet mitluba. B'sentenza mogħtija fis-6 ta' Lulju, 2007, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti;

---

[11] Ara x-xhieda tal-imħarrka Lina Huber fil-kawża numru 67/77NC f'paġ. 53 tal-proċess. Ara wkoll l-affidavit ta' l-Avukat Victor Ragonesi f'paġ. 121 tal-kawża numru 67/77NC
[12] Ara Dok. "A" f'paġ. 50 – 61 tal-proċess
[13] Ara x-xhieda tal-imħarrka Lina Huber fil-kawża numru 66/77NC f'paġġ. 53 u 55
[14] Ara l-affidavit ta' l-Avukat Victor Ragonesi f'paġ. 121 tal-kawża numru 67/77NC. Lm150 tirrappreżenta għaxra fil-mija tal-korrispettiv li kellu jitħallas għall-konċessjoni tal-art b'sub-enfitewsi minbarra l-'*canone*' 10% tal-prezz tal-bejgħ. Ara d-Dokument f'paġġ. 184 – 5 fil-kawża numru 67/77NC
[15] Ara x-xhieda ta' Henry Micallef fil-kawża numru 67/77NC f'paġ. 47 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "B" f'paġ. 20 tal-istess kawża
[16] Ara x-xhieda tal-imħarrka Lina Huber f'paġ. 54 tal-kawża numru 67/77NC. Ara Dok. "R10" f'paġ. 194 tal-istess kawża.
[17] Ara x-xhieda ta' Walter Camilleri fil-kawża numru 67/77NC f'paġ. 41 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "A" f'paġġ. 16 – 8 tal-istess kawża
[18] Ċitazz. Nru. 67/77NC

Illi sadattant, bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar John Debono tas-26 ta' Lulju, 2001[19], l-imħarrkin għaddew l-art u l-binja li ttellgħet fuqha b'konċessjoni sub-enfitewtika lil Maria Venera Vella bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija, fosthom bil-korrispettiv ta' tnejn u ħamsin elf (Lm 52,000) Lira Maltin[20]. Meta l-villa tpoġġiet fis-suq għall-bejgħ u eventwalment inbiegħet kienet fi stat ta' periklu u għoddha bdiet tiġġarraf[21];

Illi l-kreditu kanonizżat fil-kawża miftuħa kontra l-partijiet mill-Bank kummerċjali, flimkien mal-ispejjeż legali u l-imgħaxijiet tħallsu minn iben l-imħarrkin f'Ottubru tal-2007[22];

Illi l-atturi fetħu din il-kawża fit-18 ta' Marzu, 2009;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u>, il-Qorti trid tqis is-siwi tal-eċċezzjoni ta' natura preliminari mqanqla mill-imħarrkin dwar jekk l-azzjoni attriċi waqgħetx bil-preskrizzjoni;

Illi l-imħarrkin jibnu din l-eċċezzjoni fuq dak li jgħid l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. L-imsemmi artikolu jirreferi għaż-żmien tal-preskrizzjoni dwar ħlas ta' kreditu li ġej minn operazzjoni kummerjali jew minn ħwejjeġ oħra meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond il-Kap. 16 jew liġi oħra, taħt preskrizzjoni aqsar jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku. Iż-żmien imsemmi huwa ta' ħames snin;

Illi jrid jingħad li għalkemm il-kelma "kreditu" taħt dan l-artikolu tfisser kull jedd *in personam* li jaqbel ma' kull obbligazzjoni ta' debitur, jidher li fil-qafas tal-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kelma "kreditu" msemmija fil-paragrafu (f) tiegħu għandha tiġbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra tal-jeddijiet imsemmija fil-paragrafi l-oħrajn tiegħu[23]. Ta' min jgħid li ċ-ċirkostanzi kollha maħsubin fl-artikolu 2156 huma obbligazzjonijiet għall-ħlas ta' flus u mhux obbligazzjonijiet *di fare*;

Illi peress li l-preskrizzjoni "residwali" maħsuba taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 hija suġġetta għall-interpretazzjoni *eiusdem generis*, allura dan iġib miegħu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra tagħha titressaq eċċezzjoni bħal din trid tkun waħda għall-ħlas ta' flus[24]. Kemm hu hekk, ingħad li din il-preskrizzjoni tgħodd għal żewġ ordni ta' krediti: jiġifieri l-prestazzjonijiet aċċessorji, jkunu

[19] Dok. "B" f'paġġ. 63 – 7 tal-proċess
[20] Dokti. "LM" u "ES" f'paġġ. 110 – 1 u 137 tal-proċess
[21] Ara x-xhieda ta' Maria Venera Vella f'paġ. 130 tal-proċess
[22] Ara Dokti. "RA1", "RA3" u "JH" (affidavit ta' John Albert Huber) f'paġġ. 74, 76 u 143 tal-proċess
[23] Ara P.A. GCD **9.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Ralph Naudi et vs Maltacom p.l.c.***
[24] App. Ċiv. **7.2.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Saliba et vs Grech*** (Kollez. Vol. **XXXIII.i.397**)

liema jkunu, u wħud mill-prestazzjonijiet ewlenin. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oġġett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew ħaġa funġibbli bħalma huma l-flus[25];

Illi l-imħarrkin jgħidu li ż-żmien ta' ħames snin beda għaddej mit-3 ta' Awwissu, 2001, jiġifieri dakinhar li n-Nutar insinwa l-bejgħ tal-villa li kien sar fil-kuntratt pubbliku tas-26 ta' Lulju, 2001, u għaldaqstant minn meta l-attur(i) kienu f'qagħda li jsiru jafu f'dan il-bejgħ. L-atturi, min-naħa l-oħra, jgħidu li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet regolata bil-liġi tal-mandat, u l-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156(f) ma tgħoddx għal każ bħal dan;

Illi bħala prinċipju ġenerali, irid jingħad li, kif trid il-liġi[26], il-preskrizzjoni ta' kull azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni setgħet tinbeda bla ma jittieħed qies tal-istat jew il-kundizzjoni tal-persuna li lilha tali azzjoni kienet tmiss. Jekk wieħed iħares lejn il-kliem ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi jara li ċ-ċirkostanzi partikolari tal-persuna li kontra tagħha jkun għaddej iż-żmien preskrittiv ta' azzjoni li tista' tieħu ma humiex ta' xkiel biex dak iż-żmien jissokta jimxi. Huwa biss jekk il-jedd ikun wieħed kondizzjonali li ż-żmien preskrittiv jitwaqqaf sakemm il-kondizzjoni sseħħ[27]. Dan ifisser ukoll li ż-żmien tal-preskrizzjoni ta' azzjoni, ladarba huwa wieħed estintiv tal-istess azzjoni, jibda għaddej minn dak inhar li jitnissel il-jedd jew l-għamil maħsub li jwaqqaf dak il-jedd[28];

Illi, minbarra dan, kif tajjeb irrileva l-għaref difensur tal-atturi waqt it-trattazzjoni ulterjuri tiegħu, azzjoni attriċi hija determinata mill-premessi u t-talbiet u mhux mill-eċċezzjonijiet li jitqajmu kontriha. Għalhekk, biex wieħed jara tiswiex l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li tkun tqajmet, wieħed irid iqis x'azzjoni tressqet kontra l-parti mħarrka. Huwa wara li jsir dak l-eżerċizzju li l-Qorti tista' tgħaddi biex tqis jekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma hijiex waħda li tgħodd għall-każ u, jekk tkun tgħodd għall-każ, għaddiex iż-żmien meħtieġ biex twassal għaċ-ċaħda tal-azzjoni attriċi;

Illi l-Qorti, wara li qieset l-argumenti mressqa miż-żewġ partijiet, tasal għall-fehma li r-relazzjoni li tnisslet bejn il-partijiet kienet fil-fatt waħda ta' mandat. Mill-provi mressqa f'din il-kawża u l-oħra li fiha l-Bank kien ħarrek lill-partijiet biex iħallsu d-dejn maħluq bil-faċilita` bankarja, ħareġ ċar li l-arranġamenti li saru kienu tabilħaqq sura ta' mandat biex l-attur Avukat Ragonesi u l-imħarrek inisslu dan in-negozju u jmexxuh 'il quddiem. Kien minħabba l-fatt li l-

[25] P.A. **19.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Pulliċino*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.588**)
[26] Art. 2137 tal-Kap 16
[27] Art. 2125(a) tal-Kap 16 u P.A. **7.11.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Davison et vs Debono et*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.736**)
[28] Baudry-Lacantinerie & Tissier _Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile_ (3a Ediz), "Della Prescrizione", § 364 paġ. 279

imħarrek ma setax jieħu fuqu u f'ismu l-faċilita` bankarja (minħabba li, bħala impjegat f'bank kummerċjali ieħor, ma kienx imħolli jidħol f'dejn ma' terz) u minħabba li l-attur Avukat Ragonesi dak iż-żmien kien miżmum b'att kawtelatorju milli jidħol f'self ieħor ma' bank fuq ismu, li ddaħħlet l-imħarrka biex tikseb il-konċessjoni sub-enfitewtika tal-qatgħa tal-art li kellha tinbena u biex inħarġet fuq isimha l-faċilita` bankarja ġdida li għaliha daħal garanti l-istess attur[29]. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tara l-qafas ta' mandat li jiswa wkoll jekk il-ftehim ma jkunx sar bil-miktub[30] (bħalma ġara f'dan il-każ), sakemm joħroġ ċar li l-mandatarju laqa' l-ħatra[31] (bħalma jidher ukoll li ġara f'dan il-każ). F'każ bħal dan, u sakemm il-mandatarju ma jkunx għadda l-ħaġa lil terzi, il-jedd tal-mandant jew tal-aventi kawża tiegħu biex jitolbu li l-mandatarju *prestanome* jgħaddi dik il-ħaġa lil sidha, huwa jedd eżerċitabbli "f'kull żmien ... immedjat u bla kundizzjoni"[32];

Illi, b'żieda ma' dan, ladarba l-ħaġa miksuba mill-mandatarju *prestanome* tgħaddi mill-ewwel fil-patrimonju tal-mandant, qajla jista' jingħad li l-mandatarju jista' tassew jeċepixxi l-preskrizzjoni kontra l-mandant tiegħu[33]. Imbagħad, wieħed lanqas ma jmissu jinsa r-regola l-oħra kardinali tad-dritt li dawk li jżommu l-ħaġa f'isem ħaddieħor (u fost dawn tabilfors jidħlu l-mandatarji) jew il-werrieta tagħhom, ma jistgħux jippreskrivu[34], jgħaddi kemm jgħaddi żmien. Biex tkun tista' sseħħ l-interverżjoni favur nies bħal dawn, jeħtieġ li jew tinbidel il-kawża jew it-titolu li bis-saħħa tiegħu jkunu jżommu l-ħaġa jew jekk huma jopponu t-titolu tas-sidien[35];

Illi l-Qorti qiegħda tqis li dawn il-kunsiderazzjonijiet qegħdin isiru fid-dawl tal-artikolu speċifiku tal-liġi li fuqu l-imħarrkin isejsu l-eċċezzjoni tagħhom li l-azzjoni attriċi waqgħet biż-żmien. Ma qiegħda tqis bl-ebda mod jekk hemmx xi dispożizzjoni oħra fil-liġi li biha l-imsemmija eċċezzjoni tista' tintlaqa'. Dan jingħad għaliex il-Qorti ma għandhiex tindaħal jew tissuġġerixxi liema żmien preskrittiv kien jgħodd għall-każ jew taħt liema dispożizzjoni oħra tal-liġi setgħet titqajjem l-eċċezzjoni. Issib biss li l-artikolu msemmi mill-imħarrkin ma jgħoddx għall-każ li l-Qorti għandha quddiemha;

Illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kif imqanqla, għalhekk, mhijiex mistħoqqa u mhijiex sejra tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

---

[29] Ara Dok "B", f'paġ. 20 tal-atti tal-kawża 67/77NC
[30] Art. 1860 tal-Kap 16
[31] Artt. 1856(2) u 1858 tal-Kap 16
[32] Art. 1871A(2) Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta
[33] P.A. RCP **28.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Norman Bezzina et vs Anthony Caruana et*** (mhix appellata)
[34] Art. 2118 Kap. 16 tal- Liġijiet ta' Malta
[35] Art. 2119 Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta

**Tiċħad it-tielet eċċezzjoni** mressqa mill-imħarrkin bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-**ispejjeż** kontrihom; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni tal-kawża fil-mertu.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**25 ta' April, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**25 ta'April, 2018**